# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Erbgħa (4) ta’ Marzu 2021**

**Rikors Numru 1005/16 FDP**

Fl-ismijiet

**Edwin Borg (ID 150764M), kif surrogat fid-drittijiet tal-kumpannija bankarja APS Bank Limited (C2192) u bħala ċessjonarju tad-drittijiet litiġjuzi ta’ l-istess kumpannija bankarja APS Bank Limited (C2192)**

**Vs**

**Kaw Wana Company Limited (C 21029), William Joseph Caruana (ID 309942M) u Dr Leontine Calleja u l-PL Gillian Muscat bħala kuraturi tal-eredita ġiaċenti tad-defunt Carmel sive Charles Camilleri (ID 361666M), appuntati għal dan il-għan permezz ta’ digriet tat-2 ta’ Awissu 2018.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 3 ta’ Novembru 2016, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi permezz ta’ ċitazzjoni ppreżentata quddiem dina l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta’ Marzu 2004 fl-ismijiet APS Bank Limited v. Kar Wana*

*Company Limited et (Ċitazzjoni bin-numru: 169/2004/JRM), l-imsemmija kumpannija bankarja APS Bank Limited, għar-raġunijiet hemm premessi, talbet illi dina l-Onorabbli Qorti, fost affarijiet oħra, (i) tiddikjara lill-konvenuti, b'mod soldali bejniethom, debituri tagħha fis-somma ta' erbgħa u sebgħin elf u disgħa u erbgħin lira Maltin u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm 74,049.46) kif hemmhekk aħjar spjegat u (ii) tikkundanna lill-istess konvenuti, b'mod solidali bejniethom, iħallsuha l-imsemmija somma flimkien ma' l-spejjeż u ma' l-imgħax legali ulterjuri dekorribbli min- nhar il-31 ta' Diċembru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż;*

2. *Illi b'sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' April, 2005 dina l-Onorabbli Qorti iddeċidiet dan li ġej: "Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata. Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti". Kopja ta' din is-sentenza qiegħda tiġi hawn annessa w immarkata bħala "Dokument EB1;*

3. *Illi minn din is-sentenza ma kien ġie intavolat l-ebda appell;*

4. *Illi l-imsemmija sentenza għadha ma ġietx eżegwita;*

5. *Illi permezz ta' att pubbliku ta' pagament b'surroga u ċessjoni ta' drittijiet inklużi dawk litiġjużi fl-atti tan-Nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi ta' nhar is-6 ta' Ottubru, 2016, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa w immarkata bħala "Dokument EB2". L-esponenti ħallas lill-kumpannija bankarja APS Bank Limited b'surroga tad-drittijiet u fl-istess ħin il-kumpannija bankarja APS Bank Limited assenjat, ċediet u ittrasferiet a favur ta' l-esponenti d-drittijiet kollha tagħha inklużi dawk litiġjużi u emanenti mis-sentenza hawn fuq imsemmija mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' April, 2005 fl-ismijiet APS Bank Limited v. Kar Wana Company Limited et (Ċitazzjoni bin-numru: 169/2004/JRM);*

6. *Illi wieħed mill-konvenuti fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq referita, Carmel sive Charles Camilleri miet nhar l-1 ta' April, 2009, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala "Dokument EB3". L-imsemmi Carmel sive Charles Camilleri ma ħalliex testmenti sigrieti u dana kif jirriżulta mir-riċerka li saret fir-reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa w immarkata bħala "Dokument EB4". Mir-riċerka li saret fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa w immarkata bħala "Dokument EB5" jirriżulta li l-imsemmi Carmel sive Charles Camilleri ħalla testment wieħed ta' nhar il-15 ta' Marzu, 1991 fl-atti tan-Nutar*

*Dottor Antoine Agius, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa w immarkata bħala "Dokument EB6". L-imsemmi Carmel sive Charles Camilleri ħalla bħala werriet universali lill-missieru Antonio (magħruf ukoll bħala Anthony) Camilleri iżda dan flimkien ma' ħut l-istess Carmel sive Charles Camilleri irrinunzjaw għall-eredità tiegħu u dana permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) li għandu n-numru 296/2009, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa w immarkata bħala "Dokument EB7":*

7. *Illi għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti, ir-rikors odjern qiegħed isir ukoll kontra kuraturi deputati skond ma jiddisponi l-artikolu 259 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-esponenti għandu kull interess illi s-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' April, 2005 tiġi eżegwita u għalhekk kellha ssir din il-proċedura;*

*Għaldaqstant u in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha tawtorizzah jipproċedi sabiex jeżegwixxi s-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' April, 2005 fl-ismijiet APS Bank Limited v. Kar Wana Company Limited et (Ċitazzjoni bin-numru: 169/2004/JRM) ai termini ta' l-artikolu 259 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

2. Rat illi fit-13 ta' Ottubru 2017, l-intimati Kar Wana Company Limited u William Joseph Caruana ġew notifikati bl-affissjoni (fol 30).

3. Rat illi fis-27 ta' Lulju 2018, ġew nominati Dr Leontine Calleja u l-PL Gillian Muscat bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredita' ġjaċenti tad-defunt Carmel sive Charles Camilleri (fol 39).

4. Rat l-affidavit ta' Edwin Borg ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2018.

5. Rat illi fit-28 ta' Novembru 2019, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

6. Rat illi fit-13 ta' Frar 2020, fuq indikazzjoni tal-Qorti, ġie rilevat illi l-atti ma ġewx notifikati lill-Kuraturi Deputati u ġew ipprezentati eċċezzjonjiet minn Dr Martin Fenech illi ma kellu x'jaqsam xejn mal-kawża odjerna.

7. Rat illi għalhekk il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jiġu notifikati l-Kuraturi Deputati.

8. Rat illi fl-14 ta' Settembru 2020, ġew notifikati l-Kuraturi Deputati (fol 85).

9. Rat illi fit-18 ta’ Settembru 2020, il-Kuraturi Deputati ppreżentaw id-difiża tagħhom li kienet tgħid is-segwenti:

    1. *Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju ieħor tal-proċeduri.*

    2. *Illi huwa l-attur li għandu l-piż tal-prova u ċioe illi permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinċi lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attur qiegħed jagħmel fil-konfront tal-intimat huma fondati.*

10. Rat illi fl-24 ta’ Settembru 2020, dina l-Qorti osservat illi, għalkemm is-soċjeta’ intimata u l-intimat William Joseph Caruana ġew notifikati bl-affissjoni fit-13 ta’ Ottubru 2017 (fol 30), pubblikazzjoni ma kinetx tidher illi għadha saret.

11. Rat illi fis-27 ta’ Novembru 2020, saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 98).

12. Rat illi fid-19 ta’ Jannar 2021 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta L-Orizzont kif ukoll fil-gazzetta The Malta Independent (fol 103).

13. Rat illi fl-24 ta’ Frar 2021, ma deher ħadd għas-soċjeta’ Kar Wana Company Limited u għal William Joseph Caruana u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

14. Rat l-Artiklu 259 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

15. Rat is-sentenza ‘***APS Bank Limited vs Kar Wana Company Limited, William Joseph Caruana, Carmel Sive Charles Caruana u Edwin Borg***’ mogħtija fit-12 ta’ April 2005.

16. Rat il-kuntratt ta’ ħlas u surroga bejn l-Bank APS Limited u r-rikorrent Edwin Borg illi sar fis-6 ta’ Ottubru 2016.

17. Rat l-affidavit ta’ Edwin Borg, ippreżentat fl-20 ta’ Novembru 2018.

18. Rat illi jirrizulta illi r-rikorrent għandu interess illi s-sentenza mogħtija fit-12 ta’ April 2005 tiġi eżegwita.

19. Għalhekk it-talba kif dedotta timmerita illi tiġi milqugħa.

## DECIDE

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti, u għalhekk;

**Taworizzah** jipproċedi sabiex jeżegwixxi s-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' April, 2005 fl-ismijiet APS Bank Limited v. Kar Wana Company Limited et (Ċitazzjoni bin-numru: 169/2004/JRM) a tenur tal-Artikolu 259 tal-Kap 12.

**Bl-ispejjeż** kif mitluba kontra s-soċjeta' intimata Kar Wana Company Limited.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**